Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 1536

Kaz Numru 1774MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Cettina Degiorgio

U

Bank of Valletta plc

Dwar tkeccija mill-impjieg
Allegata li hija ngusta

Illum 13 ta' Settembru 2004

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors mibghut lit-Tribunal Industrijali datata 5 ta' Gunju 2003 mill-Avukat Dr. Joseph Brincat li bghat dan l-ittra ghan-nom ta' Cettina Degiorgio fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali .

Cettina Degiorgio maghrufa bhala l-appellanta kienet assistita mill-Avukat Dr. Joseph Brincat li wara xi zmien assuma l-patruncinu Dr. David Camilleri u ghall-Kumpanija Bank of Valletta plc deher Charles Grech Soler assistit mill-Avukat Clarence Busuttil.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

L-appellanta ddikjarat li kienet tahdem mal-kumpanija Bank of Valletta plc bhala full time Charwomen ghall-dawn l-ahhar disa' snin u kienet tahdem f'diversi branches u giet kienet imkeccija ghall-ghar-ragunijiet mhux fondati u ghalhekk it-tkeccija mhiex gustifika.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni tal-impjeig ta' Cettina Gegiorgio gie terminat minhabba sensiela ta' nuqqassijiet li finalment kellhom jitterminaw l-impjieg taghha.

Cettina Degiorgio kienet tassenti ruhha fuq skuza ta' mard, fuq skuza li kellha tiehu hsieb pesuna kif ukoll xogholha kien "below standard", u dan avvera ruhha fid-diversi branaches li kienet tahdem.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Maurice Agius li iddikjara bil-gurament tieghu li meta kien jahdem bhala mnagaer bil-Branch il-Mosta kellu hafna ilmenti mill-istaff fuq Cettina Degiorgio li ma kinetx taghmel xogholha tajjeb. Xehedet ukoll Livy Tabone li kienet manager Paola Brach li iddikjarat ukoll taht gurament li Cettina Degiorgio kellha diversi nuqqassjiet fuq ix-xoghol.. Xehed Albert Pace u stqarr li meta Cettina Degiorgio kienet tahdem fil-Branch Taz-Zejtin u hu kien il-manager tal-branch Cettina Degiorgio kienet ttassenti ruhha ta' spiss.

Xehdu ukoll Igino Xuereb li qal li kien hareg charge kontra Cettina Degiorgio mnhabba "continual poor performance" ghal snin twal. Xehed ukoll Patrick Anastasi li kien Manager iz-Zejtun Branch li kien irraporta lill-Cettina Degiorgio lill-Personel Department li kienet qeghda tiehu hafna sick leave u ghalhekk it-tindif tal-bank ma kienx qieghed isir.

Xehed ukoll Alfred Pace li kien jahdem fil-Human Resouces Department tal-Bank of Valletta plc fejn qal li kellhom diversi "complaints" fir-rigward ta' Cettina Degiorgio mid-diversi branches fejn kienet tahdem. Kien jghidilha diversi drabi halli ma tiehux hafna sick leave u taghmel xogholha ahjar.

Xehedet Cettina Degiorgio fejn iddikjarat illi bdiet tahdem mal-Bank of Valletta plc fis-sena 1992 bhala cleaner ghamlet hames snin reliever u ddikjarat bil-gurament taghha li dejjem kienet taghmel xoghol tajjeb. Meta kien gie jaraha it-tabib peress li ghandha hagna tarag ma lahqitux fil-bieb. Xhedet ukoll Adelaide Mangion fejn iddikjarat li kienet tahdem maghha bil-branch ta' Rahal Gdid fejn stqarret li Cettina

Degiorgio kienet taghmel xoghlha tajjeb u mhux l-ewwel drba li ghejnitha f'xogholha.

Xehed ukol Charles Cilia li huwa messagier u ghamel xi zmien jahdem ma Cettina Degiorgio fil-branch ta' Rahal Gdid fejn qal li Cettina Degiorgio kienet taghmel xogholha tajjeb u ma jidhirlux li kien hemm ilment fuqha.

Xehed ukoll Dr. Chris Zarb li huwa t-tabib ta' Cettina Degiorgio fejn qal li jiftakar li Cettina Degiorgio kienet wegghet daharha u kienet tbati bl-irjihat pero meta bghata tiehu X-Rays ma rrizulta xejn. Peress li kien ikollha ugiegh kien tah l-parir sabiex tara specjalista u qatt ma marret tara lill-wiehed.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li qieghed jemmen lill-kumpanija Bank of Valletta plc meta ressaq il-provi illi cettina Degiorgio kienet tassenti ruhha ta' spiss minn fuq ix-xoghol u li x-xoghol taghha kien ta' livell inferjuri.

It-Tribunal ikkonsidera ukoll d-diversi drabi fejn tawha twissijiet kemm verbalment kif ukoll bil-miktub u kien hemm minn ipprova jifthilha ghajnejha dwar in-nuqqassijiet taghha li jidher li kollox sewa ghall xejn sal punt li kellhom jghadduha Bord u eventwalment jkeccuha.

It-Tribunal ikkunsidera wkoll diversi aspetti ohra specjalment ix-xhieda ta' Cettina Degiorgio li pero ma tanx huma konvincenti specjalment ix-xhieda tat-Tabib li kien tah il-parir illi jekk ghandha dawn is-sintomi ta' ugiegh ahjar tara specjalista li qatt ma marret tara lill-dan l-ispecjalista. Dl piu iz-zewg xhieda ohrajn li gabet kienu ghall-perjodu zghir komparat maz-zmien li ghamlet tahdem mal-Bank of Valletta plc.

It-Tribunal ihoss illi ix-xhieda tal-Bank of Valletta plc kellhom responsabilita li jaghmlu dawn ir-rapporti u kieku forsi kien minn xi branch wiehed, It-Tribunal forsi seta ikollu xi dubbju pero deher car mix-xhieda illi kull fejn kienet thadem l-ilmenti kienu isegwuha u dejjem l-istess ilmenti jigifieri sick leave ezagerat u nuqqas serju fix-xoghol taghha.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-kumpanija Bank of Valletta plc kienet gustifikat li tkecci lill-Cettina Degiorgio mix-xoghol ghar-raguni ta' "gross misconduct" li jinkludi Flagrant or repeated disobedience, continuous poor performance and repeated unauthorised and/or unjustified absence from work..

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedu billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr. Martin Fenech
Chairman

Vince Micallef
Segretarju